SAN LAWRENZ

Il-Minuti tas-sitt laqgħa tas-sitt Kunsill li saret nhar L-Erbgħa 18 ta' Lulju 2012 fil-5:00 ta' filgħaxija fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz.

*Preżenti:*

| | |
|---|---|
| *Sindku:* | Anthony Formosa |
| *Viċi Sindku:* | Anthony Cassar |
| *Kunsilliera:* | Michelina Mercieca |
| | John Mercieca |
| | Rose Vella |
| *Segretarju Eżekuttiv:* | Lucienne Haber |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba.

**2.0 Korrispondenza**

2.1 Il-kunsilliera Rose Vella rreferiet għall-ittra mibgħut mingħand it-Transport Malta bi tweġiba għat-talba tagħna sabiex isiru road humps fi Triq ir-Rokon. Il-kunsilliera Vella talbet sabiex nerġgħu nisħqu fuq it-talba tagħna u nsostnu li l-ħtie[ġa hija kbira peress li n-nies ma jistgħux jimxu fuq il-bankina minħabba s-siġar u b'hekk qed ikun ta' periklu għalihom.

**3.0 Update dwar il- progett tal- pjazza**

3.1 Is – Sindku irrefera għall-proġett tas- service culvert fil- pjazza u għal fatt li l-kuntrattur waqt t- thaffir tiegħu ltaqa' mal- gibjun li hemm taħt il- pjazza peress li l-location eżatta tiegħu qatt ma kienet magħrufa. Is- Sindku semma li f'dan ir-rigward il- Perit gibdilna l- attenzjoni li ser ikollha tinħoloq varjazzjoni fl- offerta mitfugha. Il- kunsill qabel li ghalkem x- xoghol irid ikompli ghaddej , ghandna nitolbu lil- Perit sabiex jghaddilna l- ammont tal- varjazzjoni. Is- Sindku semma' li sadanitant ix- xoghol miexi b'rittmu tajjeb u mistenni li sal- ahhar tal- gimgha jinghalaq u jitkompla wara l-festa.

3.2 Il- kunsillier John Mercieca talab sabiex il- bokka tal- gibjun tibqa accessibli u jintuza mill- kunsill ghall-htigijiet tieghu. Sar qbil li ghandna nitkellmu mal- Perit u naraw jekk tistax issir Pompa antika.

**4.0 Update dwar it- tenders tal- isqaqien**

A.F

4.1 Is- Sindku semma li l- Bord li qed jevalwa l- offerti tal- isqaqien wasal biex jikkonkludi r- rapport tieghu fil- jiem li gejjin u ghalhekk ikun jinhtieg li niltaqghu bhala kunsill biex napprovaw r- rakkomandazzjoni taghhom.

**5.0 Wara l-laqgha mal-Ministeru ghal Ghawdex**

5.1 Is-Sindku rrefera ghal-laqgha li huwa flimkien mas-Segretarja kellu mal-Ministru ghal Ghawdex u d-Diretturi taghha. Waqt din il-laqgha li s-Sindku rrefera ghaliha bhala wahda pozittiva hafna, gew diskussi diversi progetti u problemi li qed jiffacja l-Kunsill fosthom il-htiega urgenti ta' bini ta' hajt fit-Triq tad-Dwejra, manutenzjoni lit-Triq tal-Qasam, htiega ta' ufficju alternattiv ghal Kunsill u wkoll dwar il-possibilita' li tinbidel il-kap tal-iskola fuq talba mressqa mill-genituri stess.

**6.0 Wara l-Youth Exchange fi Spanja**

6.1 Saret referenza ghal Youth Exchange li saret fi Spanja u S-Sindku talab lil-Vici Sindku sabiex jaghti rendikont ta' din l-esperjenza. Il-Vici Sindku rrefera ghall-exchange bhala success kbir. Iz-zghazagh kellhom l-opportunita' li jiltaqghu ma zghazagh ohrajn b'kulturi differenti li kellhom c-cans li jiksbu esperjenza vasta ta' taghlim minn workshops dwar suggetti varji. Il-Vici Sindku rrefera ghat-talba li saret mil-leaders barranin biex fis-sajf li gej tinzamm exchange f'San Lawrenz. Il-Kunsill qabel li ghandu japplika biex issir din l-exchange.

**7.0 Gemellagg bejn il-korijiet ta' San Lawrenz u dak ta' Colle Umberto**

7.1 Is-Sindku rrefera ghat-talba li saret minn Colle Umberto sabiex isir skambju bejn il-korijiet ta' San Lawrenz u dak ta' Colle Umberto. Sar qbil li ghandna nirrisponduhom li naqblu mal-proposta izda nuruhom li nixtiequ li l-ewwel imorru ta' San Lawrenz u mbaghad jigu huma.

**8.0 Rapport dwar l-offerti tal-Marketing Expert u Project Administrator konnessi mal-Progett Panacea**

8.1 Saret referenza ghar-rapport sottomess mil-bord kompost biex jevalwa l-applikazzjonijiet tal-marketing expert fejn fil-konkluzzjoni tieghu jirrakomanda li jsir interview lill-applikanti Nadia Pace u Marita Portelli. Sar qbil li l-interview ghandu jinzamm mill-istess membri tal-bord flimkien mas-Segretarja tal-Kunsill.

A.F.

8.2 Saret referenza wkoll ghar-rapport sottomess mil-bord tal-ghazla li evalwa l-applikazzjonijiet tal-project administrator ghal progett Panacea . Fir-rapport taghhom irrakkomdaw li l-ghazla taqa' fuq Michelle Vella bhala l-aktar persuna kwalifikata. Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni u li ghandu jiffirma l-kuntratt maghha.

**9.0 Korsijiet tal-kompjuter, tat-taljan u reading sessions**

9.1 Saret referenza ghall-istima miksuba minghand Franklin Cauchi li jtellgha' korsijiet tal-kompjuter fl-Gharb. Il-prezz mitlub huwa dak ta' €25 ghal kull persuna ghal kors shih li jinkludi ghaxar lezzjonijiet. Sar qbil li ghandna niccekjaw ukoll dwar il-possibilita ta' organizazzjoni ta' kors tat-taljan f'San Lawrenz. Sar qbil ukoll li norganizzaw ir-Reading sessions tas-soltu wara li tghaddi l-festa tar-rahal.

**10.0 Ghazla ta' quotation ghal xiri ta' airconditioner.**

10.1 Il-Vici Sindku gabar stimi ghax-xiri ta' airconditioner minghand Solar Engineering Ltd ghall-prezz ta' €796.25 inkluz il-VAT, minghand N Borg ghal prezz ta' €840 inkluz il-Vat, u minghand Joseph Tabone ghal prezz ta' €1100 inkluz iv-VAT. Sar qbil li ghandu jinxtara l-irhas wiehed minghand is-Solar Engineering ghal prezz ta' 796.25 euros inkluz il-VAT.

**11.0 Materji ohra**

11.1 Is- Sindku irrefera ghal fatt li s- Supretendent tal- Pulizija ma jridx li jkun hemm kiosks fir- rotta tal- Purcissjoni. Ghalekk il- Kunsill iddecieda li l-kiosks jitfaghhom lkoll fi Triq il- Wileg man-naha tal- bus shelter. Sar qbil li ghandha tintbghat ittra lir-residenti ta' Triq il- Wileg biex nitolbuhom ma jipparkjawx quddiem ir- residenzi taghhom f'dawk il- jiem.

11.2 Sar qbil li ghanda tinzamm laqgha tas- sottokumitat tal- anzjani nhar il- Gimgha 27 ta' Lulju fis- 7:30 ta' filghaxija.

11.3 Il-Kunsillier John Mercieca talab sabiex inressqu it-talba taghna mal-Malta Maritime Authority sabiex parti mill-Port fid-Dwejra tigi klassifikata bhala swimming zone.

11.4 Sar qbil li ghandna nitolbu lil Arriva sabiex issir bus stop gdida fi Triq San Lawrenz fejn l-isqaq ta' Noel Formosa u niccekjaw f'hiex waslet it-talba sabiex tigi nstallata bus-stop hdejn ic-cimiterju.

11.5 Il-Vici Sindku talab sabiex kemm jista jkun Triq San Lawrenz tinkines ta' spiss.

Il-laqgha ntemmet fis-7:30 ta' filghaxija.

***Anthony Formosa***
***Sindku***

***Lucienne Haber***
***Segretarju Ezekuttiv***